Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell numru: 24/15

**Janice Bugeja** **(appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali** **(appellant)**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju, 2016.

Id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali appella minn decizjoni tal-Arbitru tat-28 ta' Mejju 2015 li biha intlaqa' l-appell ta' Janice Bugeja mid-decizjoni tad-Direttur Generali li ghandha thallas lura s-somma ta' €1,468.58 f'ghajnuna ta' dizimpieg li rceviet minghand id-Dipartiment matul il-perjodu 28 ta' Novembru 2011 sad-9 ta' Marzu 2012.

Waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, l-appellat sostniet li l-appell hu tardiv. Dan mhuwiex minnu meta tqies li:

1. Fit-28 ta' Mejju 2015, l-Arbitru ta d-decizjoni.
2. L-Ufficcju tal-Arbitru baghad id-decizjoni lid-Dipartiment permezz ta' *covering letter* datata 2 ta' Gunju 2015.
3. Id-Dipartiment ircieva d-decizjoni fil-5 ta' Gunju 2015 (ara dokumenti prezentati b'nota fis-26.5.2016).
4. L-appellant ipprezenta l-appell fis-6 ta' Lulju 2015, li kien it-Tnejn.

Ghaldaqstant l-appell gie pprezentat fit-terminu ta' tletin (30) gurnata kontemplati mil-ligi. Din l-eccezzjoni hi michuda.

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni tal-Arbitru hi nulla ghaliex ma fihiex ir-raguni li wassal biex laqa' l-appell tal-appellata.

   Skond l-avviz li nhareg mill-appellant, datat 12 ta' Marzu 2012, l-appellat kellha tirrifondi lura s-somma ta' €1,468.58 ghaliex ma kinitx tabita fl-indirizz moghti. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

   *"Sema' x-xhieda prodotta fejn l-appellanti kienet tghix fil-post indikat u hi kienet il-kap tal-familja."*

   Hu evidenti li dik kienet ir-raguni li wasslet lill-Arbitru biex jilqa' l-appell tal-appellata. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, id-decizjoni tal-Arbitru hi motivata.

2. L-appell li l-appellata pproponiet quddiem l-Arbitru, hu tardiv.

   Hu minnu li l-avviz mibghut lill-appellata hu datat 12 ta' Marzu 2012 filwaqt li l-appell gie pprezentat fil-11 ta' Marzu 2013. Pero' m'hemmx prova tad-data meta l-avviz gie notifikat lill-appellat. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova l-aggravju ma jistax iregi.

   Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta li *"…. l-arbitru lanqas biss ikkunsidra l-fatt li t-tletin gurnata allokati mil-ligi sabiex persuna tappella minn decizjoni tad-Direttur esponent kienu ilhom li skadew iktar minn sena. Dan jimplika li kwalunkwe appell intavolat mill-appellata kien tardiv u kellu jigi michud mill-ewwel mill-Arbitru minghajr lanqas biss ma jidhol fil-meritu."* Li ma qalx l-appellant hu li quddiem l-Arbitru lanqas ma ta eccezzjoni fis-sens li l-appell kien tardiv.

3. L-ahhar aggravju jitratta dwar il-meritu. L-appellant isostni li: *"Mill-investigazzjoni li saret mill-ispetturi rrizulta li l-appellata la kienet tghix u lanqas qatt ghexet fl-indirizz iddikjarat minnha mad-Dipartiment, kif gie kkonfermat minn sid il-post. Dan ifisser li ab initio, minn meta hija applikat ghall-ghajnuna ghal dizimpieg, l-appellata tat informazzjoni skorretta lid-Dipartiment."*

   Mill-provi li nstemghu quddiem l-Arbitru, irrizulta mod iehor. Fil-fatt Pierre Bonnici, il-persuna li kien ighix fil-fond ikkonferma li l-appellat kienet ghexet fil-fond 59, Strada Annunzjata, Sliema mis-sena 2011 sal-2012. Ghalkemm f'dan il-kaz kienet saret investigazzjoni mid-Dipartiment ghall-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji u Bonnici gie ntervistat, mir-rapport ma jirrizultax li sarulu domandi fir-rigward tal-appellata. L-Arbitru ghazel li jemmen il-verzjoni li ta Bonnici meta xehed quddiemu, u l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiskarta dik id-decizjoni gialadarba x-xhud instema' *viva voce* u zgur li l-Arbitru kien fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedi jekk kienx qieghed ighid il-verita. Il-qorti tinnota wkoll li kienet tistenna li r-rapprezentant tad-Dipartiment jikkonfronta lix-xhud b'dak li jinghad fir-rapport tal-ispetturi. Mit-traskrizzjoni tax-xhieda hu evidenti li dan ma sarx. Wara l-appellant ma jistax jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi. Kellu kull opportunita, kieku ried, li jattakka l-kredibilita tax-xhud billi jsiru domandi b'riferenza ghal dak li jinghad fir-rapport u jekk hemm bzonn b'konfront mal-ispetturi li nvestigaw il-kaz. Pero' dan ma sarx. Ghalkemm l-appellant jistrieh fuq it-taghrif li Anthony Farrugia ta lid-Dipartiment, din il-persuna qatt ma giet imharrka quddiem l-Arbitru sabiex jikkonferma bil-gurament dak li qal lill-ispetturi. Fejn l-appellant ikun qieghed jistrieh fuq taghrif li jigbor minghand terza persuna, l-inqas li ghandu jaghmel hu li jharrek lil dik il-persuna quddiem l-Arbitru sabiex tikkonferma d-dikjarazzjoni bil-gurament u jsirulha d-domandi li jkun hemm bzonn.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni tal-appellata li l-appell hu null.**
2. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant, b'dan li l-appellata ghandha taghmel tajjeb ghal 10% tal-ispejjez taghha in vista tal-eccezzjoni preliminari li nghatat u li giet michuda**.

Anthony Ellul.